# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 414/2013/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mario Spiteri**

Illum 20 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Mario Spiteri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 844554(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-20 ta' Settembru 2013 ġewwa Ħal Far limiti taż-Żurrieq:

1. bil-ħsieb li jeżerċita jedd li jippretendi li għandu ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu b'detriment u bi preġudizzju għad-drittijiet tal-kwerelanti irrimwova rampa li tagħti aċċess għal diversi għelieqi elevati proprjetà tal-kwerelanti.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' tal-kwerelanti *ai termini* ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tordnalu jneħħi kull inkonvenjent u jirripristina l-lok tar-reat *ai termini* ta' Artikolu 377 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Diċembru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 7, 11 u 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontrih u kkundannatu għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt Euro (€500). *Ai termini* ta' Artikolu 377 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat sabiex ineħħi kull inkonvenjent li nħoloq lill-*parte civile* sabiex jaċċedu għall-għelieqi tagħhom kif ukoll jirripristina r-rampa għal kif kienet qabel din tneħħiet minnu.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha **Tħassar, Tikkanċella** u **Tirrevoka** s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fl-10 ta' Diċembru, 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Spiteri** u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fl-20 ta' Jannar 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-10 ta' Diċembru 2024.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw rampa f'għalqa fejn permezz ta' kuntratt (*a fol.* 102 *et seq.*) fl-atti tan-nutar Dr. Fiona Farrugia magħmul fid-29 ta' Marzu 2006, l-appellant Mario Spiteri u martu Carmela Spiteri xtraw mingħand Anthony Camilleri, Esther Camilleri, Emanuel Camilleri, Nazzareno Camilleri, Carmel sive Charles Camilleri, Catherine Schembri, Josephine sive Jessie Schembri u Edwin Camilleri għalqa fil-limiti taż-Żurrieq, liema għalqa kienet imdawra b'għelieqi oħra u minħabba li dawn kienu fuq livell għola din l-għalqa, kienet jgħaddu minnha s-sidien tal-għelieqi tal-madwar sabiex jitilgħu għall-għelieqi tagħhom.

Illi fis-27 ta' Settembru 2013 il-Pulizija rċeviet kwerela fejn il-kwerelanti lmentaw li l-appellant kien neħħa rampa li kienet fl-għalqa tiegħu u li kienet tippermettilhom jgħaddu għal għalqa tagħhom bil-mutur tal-ħart. L-appellant minn naħa tiegħu jgħid li meta xtara l-għalqa ma kienx hemm rampa u li fil-kuntratt ma kien hemm l-ebda dritt ta' passaġġ.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak imressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-<u>aggravju ewlieni</u> tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha meta sabitu ħati tar-reat ta' *ragion fattasi* u dana minħabba li skont hu huma nieqsa l-elementi meħtieġa sabiex jirriżulta dan ir-reat. L-appellant jilmenta li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aqwa prova. Jgħaddi biex jelenka l-erba' rekwiżiti tar-reat ta' *ragion fattasi*. Ikompli billi jgħid li dak li kellu jiġi ppruvat mill-Prosekuzzjoni kien illi fid-data ndikata fiċ-ċitazzjoni u ċioè fl-20 ta' Settembru 2013 hu (l-appellant) wettaq att estern li spolja lil ħadd ieħor minn ħaġa li kien qed igawdi. Jgħid li għalhekk l-ewwel ħaġa li kellha tiġi ppruvata huwa li f'dik id-data kien hemm ir-rampa u li l-att estern sar minnu f'dik id-data. Jirreferi għax-xiehda ta' Carmela Spiteri li tgħid li meta xtraw l-għalqa ma kienx hemm rampa iżda kien hemm biss ġebla.

Jirreferi kemm għar-rapport tal-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi (li ġiet nominata mill-Ewwel Qorti) li kkonkludiet li r-rampa ma kinitx dejjem hemm kif ukoll għax-xiehda tagħha fejn tgħid li fid-data ndikata r-rampa ma kinitx hemm. Għalhekk jgħid li dan il-punt ma ġiex ippruvat. Jispjega li l-Ewwel Qorti setgħet ġiet sgwidata mix-xiehda ta' Edwin Camilleri meta qal li r-rampa dejjem kienet hekk. L-appellant itenni li dak li jgħid Edwin Camilleri mhux kredibbli. Dwar dan jirreferi għax-xiehda mogħtija minnu (mill-appellant) u martu fejn jgħidu li r-rampa ma kinitx hemm. Fit-tieni lok jirreferi wkoll għal dak li qalet in-Nutar Dr. Fiona Galea Farrugia li ħejjiet l-att pubbliku fejn spjegat li l-klawsola numru erbgħa (4) ossia (ossia dik li tipprovdi li l-għalqa akkwistata mill-appellant u martu kienet *"libera minn kwalsiasi drittijiet ossia pretensjonijiet ta' terzi persuni"*) saret fuq talba tal-partijiet. Jgħid li għalhekk ix-xiehda ta' Edwin Camilleri hija kontradetta minn nutar.

Illi l-appellant jisħaq li l-Prosekuzzjoni naqset ukoll milli tipprova li hu neħħa r-rampa fid-data ndikata. F'dan ir-rigward jirreferi għal dak li qal Rokku Camilleri li ndika li r-rampa xi ħadd neħħiha mingħajr ma ndika lilu (lill-appellant). Jgħid li lanqas Manuel Camilleri ma ndikah (lill-appellant). Jindika li kien biss Carmel D'Amato li xehed li kien hu (l-appellant) li neħħa r-rampa. L-appellant itenni li fix-xiehda tiegħu qatt ma semma data meta rah jagħmel dan. Jirreferi wkoll għax-xiehda ta' Carmel Spiteri u jgħid li ma ġiet imressqa l-ebda prova li fid-data ndikata mill-Prosekuzzjoni hu (l-appellant) neħħa r-rampa. Jgħid li dan kellu jwassal sabiex hu jiġi liberat u jsemmi li l-Qorti ma tistax issib ħtija jekk ir-reat twettaq fi żmien ieħor.

Illi dwar l-aggravju mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-

apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi jkun opportun li jiġi nnutat li tabilħaqq xhud wieħed jekk emmnut huwa biżżejjed sabiex tinstab ħtija. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Farrugia et** (Numru 17/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

eventwalita', din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[2] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

[…]

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom – kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta – mhux dejjem neċessarjament twassal għal dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-

[2] "Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bonavia** ppreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs. Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004."

ċirkostanzi ma jitkellmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnissla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imressqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita', jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[3] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija;

[3] "**R v. Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2."

livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat u tapplikah għal dan il-każ li għandha quddiemha.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tara jekk minn dak li jirriżulta mill-atti proċesswali l-Ewwel Qorti setgħetx issib lill-appellant ħati tar-reat ta' *ragion fattasi* jew dak li jissejjaħ *"the exercise of a pretended right"* li huwa ġie akkużat bih.

Illi għandu jingħad li l-azzjoni bbażata fuq Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija speċi ta' żona griġja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali tant li meta kien qed jiġi abbozzat il-Kodiċi Penali Malti, Sir Andrew Jameson fir-Rapport tiegħu kien osserva s-segwenti:

> *"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages..."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law (1958 edit.), Parti Specjali – Vol. II).

Illi l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* ġew miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija fl-14 ta' Ottubru 1944 fis-sentenza ta' l-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (Vol. XXXII – IV, p.768) u dawn jinkludu:

- <u>l-ewwel element</u>: att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

- <u>it-tieni element</u>: l-aġent irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

- <u>it-tielet element</u>: ix-xjenza tal-aġent li qed jieħu b'idejh (*"di privato braccio"*) dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

- <u>ir-raba' element</u>: l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

Illi, kif dejjem ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati, per eżempju, ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'illi wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu t-tgawdija tagħha.

Illi r-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun diġa' ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa għax kif jgħid **Carrara** (Prog. Parte Speciale, Vol. 5, para. 2850):

> *"L'atto esterno deve privare l'altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi é nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perché la legge protegge lo "stato quo", il quale non puó variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autoritá giudiziale."*

Illi fir-rigward tar-raba' element hawn fuq imsemmi għandu jingħad li n-nuqqas ta' titolu jirrendi l-fatt aktar gravi b'dan illi huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Illi l-ġurisprudenza wkoll timxi mal-prinċipju li *"r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bħala delitt kontra l-proprjeta' iżda bħala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u amministrazzjonijiet pubbliċi oħra."*[4] Għandu jingħad li Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ntiż biex dak li jkun ma jieħux il-liġi b'idejh.

**Ikkunsidrat**

[4] Ara **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci** tas-7 ta' Jannar 1998, Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi l-ilmenti imressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu huma bażikament tnejn. L-ewwel ilment huwa li ma hemmx prova li kien huwa li neħħa r-rampa in kwistjoni u t-tieni ilment jirrigwarda l-fatt li ma hemmx prova li l-att ikkontestat seħħ fid-data ndikata fiċ-ċitazzjoni u ċioè fl-20 ta' Settembru 2013.

Illi fir-rigward tal-kwistjoni tad-data, din il-Qorti tinnota li fil-konklużjonijiet tagħha, il-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi ikkonkludiet, fost l-oħrajn, hekk (*a fol.* 147):

> "15. Illi dwar konklużjonijiet tekniċi, l-esponenti tikkonferma illi l-passaġġ kien fil-fatt jeżisti fi żmien ta' meta saru l-akkużi u kien bejn iż-żewġ porzjonijiet ta' egħlieqi taż-żewġ akkużati. Huwa minnu wkoll illi dawn il-porzjonijiet ta' art kienu diżlivellati u għalhekk il-bżonn ta' xi forma ta' rampa sabiex wieħed jgħaddi minn isfel għal fuq u minn fuq għal isfel kien neċessarju, speċjalment minħabba l-inġenji illi huma bżonnjużi sabiex l-egħlieqi jinħadmu."

Illi l-fatt li kien hemm rampa huwa korroborat ukoll mid-depożizzjoni mogħtija minn Carmela Spiteri, it-traskrizzjoni ta' liema depożizzjoni tinsab inkluża fir-rapport tal-Perit Tekniku fejn (*a fol.* 88) tgħid li meta xtraw ma kienx hemm rampa u li kienet tmur l-għalqa u tara r-rampa dejjem tikber. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx dubju li tali rampa kienet teżisti u tneħħiet.

Illi rigward l-ilment tal-appellant li ma hemmx provi li jorbtuh mal-azzjoni tat-tneħħija tar-rampa, din il-Qorti tinnota li l-appellant jgħid li l-unika persuna li torbtu mat-tneħħija tar-rampa huwa Carmel D'Amato meta jgħid hekk (*a fol.* 82):

> "Ir-ritratt 9 juri fejn tneħħiet ir-rampa u fejn Mario Spiteri neħħa l-ġebel bil-gaffa u poġġa ġebla waħda minflok."

Illi fis-sottomissjonijiet bil-fomm li saru quddiem din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2025 il-konsulent legali tal-appellant saħaq li hemm

kunflitt fil-provi fejn il-mara tal-appallent waqt ix-xiehda minnha mogħtija tgħid li kienet tara r-rampa dejjem tikber u kienet tneħħi dawn il-ġebel.

Illi dwar id-dikjarazzjoni ta' Carmel D'Amato din il-Qorti tikkunsidra li x'aktarx din kienet dikjarazzjoni ġenerali. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li r-rampa in kwistjoni kellha tkopri għoli ta' kantun u għalhekk qajla wieħed jista' jimmaġina li għal ftit terrapien wieħed kien ser jaqla gaffa. Minbarra dan, din il-Qorti tikkunsidra li l-appellant jgħid li huwa ma jmurx l-għalqa jekk ma jkolliex bżonnu l-mara. Mix-xiehda tal-mara tal-appellant jirriżulta li huwa minnu dak li jgħid il-konsulent legali tal-appellant waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm li l-mara tal-appellant kienet tgħid li kienet tneħħi l-ġebel.

Illi lanqas mill-affidavit ta' WPS 22 Lara Butlers (*a fol.* 2 *et seq.*) ma tirriżulta xi ammissjoni minn naħa tal-appellant. Fil-fatt huwa jitkellem fil-futur meta jgħid li kull darba li l-kwerelanti ser jagħmlu rampa huwa kien sejjer ineħħiha. Fil-fehma ta' din il-Qorti din mhijiex ammissjoni li r-rampa li kien hemm neħħiha huwa.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, inkluż dak li ngħad fil-ġurisprudenza ċitata, din il-Qorti tinnota li hija għandha dubju dettat mir-raġuni jekk f'xi ħin jew ieħor kienx l-appellant li fiżikament neħħa r-rampa in kwistjoni.

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** (Numru 179/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "13. Mill-premess, għalhekk, ma tirriżultax dik il-katina ta' ċirkostanzi univoċi li jista' jingħad li iżolatament jew komplessivament jorbtu lil xi ħadd mill-imputati inevitabilment u inekwivokabilment max-xena tad-delitt jew xort'oħra mal-kummissjoni tiegħu. Il-fatt li r-relazzonijiet bejn Booth u l-imputati setgħu ma kienux

tajbin u li Booth kienet oġġezzjonat mal-awtoritajiet li jiġi sanzjonat xi bini fil-proprjeta' tal-imputat ma joħolqux dik il-konkatenazzjoni meħtieġa sabiex inekwivokabilment jorbtu lill-imputati mal-kommissjoni tar-reat u ma humiex suffiċjenti sabiex jikkolmaw il-vojt fil-provi tal-prosekuzzjoni sabiex jiġġeneraw il-grad tal-prova oltre d-dubbju raġonevoli. In kwantu għall-evażivita' tal-imputat meta mistoqsi dwar il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u aspetti oħra tax-xiehda dawn jistgħu iwasslu sabiex l-imputat ma jingħatax affidament f'dawk l-aspetti tad-depożizzjoni tiegħu, u sabiex dawn jiġu skartati, iżda l-vojt fil-provi li jinħoloq b'dan il-mod ma jistax jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' provi da parti tal-prosekuzzjoni tal-ħtija tal-imputati fil-grad għoli rikjest mil-liġi.

14. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif jemerġu mill-provi inklużi dawk li fuqhom straħet l-Ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u ċioè li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-prosekuzzjoni, iżda prova sa dan il-grad ma hix biżżejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali."

Illi dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ikkwotata japplika għal każ odjern u meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fiha u dak li ngħad aktar 'il fuq, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' l-appell interpost mill-appellant. Konsegwentement ma hemmx ħtieġa li l-Qorti tagħmel aktar konsiderazzjonijiet dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant b'mod partikolari fejn issir riferenza għad-data ndikata fiċ-ċitazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Mario Spiteri, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minnha u minn kull ħtija u piena.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**